MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Numru 638/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
**vs**
**Juanito Jimenez**
**Dylan Cauchi**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Juanito Jimenez ta’ 17-il sena iben Pedro Juan u Pauline nee’ Deguara, imwieled Pieta nhar is-26 ta’ Mejju 1993 u residenti 12, Sqaq id-Duluri numru 1, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 242693(M) u Dylan Cauchi ta’ 24 sena iben Gerald u Rose Marie nee’ Ciantar, imwieled Pieta’ nhar l-24 ta’ Dicembru,1986 u residenti nru. 1. Trejqet San Pietru, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 7587(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

1. Nhar is-17 ta’ Mejju 2011, ghall-habta tas-1a.m., u/jew xi hin qabel gewwa Santa Venera, flimkien ma

persuna ohra, bil-hsieb li jaghmlu delitt ta’ serq mill-hanut Ganni’s Snack Bar fi Triq il-Kanun, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun reat ta’ serq aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin ghad-detriment ta’ Carmelo Mamo u Carmelo Abela, u/jew ta’ persuna/i u/jew xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

2. Fis-17 ta’ Mejju, 2011 ghall-habta tas-1a.m. fil-hanut Ganni’s Snack Bar fi Triq il-Kanun, Santa Venera, volontarjament hasru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ is-serratura tax-shutter ta’ barra ta’ l-istess hanut, liema hsara ma tiskorrix it-tlieta w ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.20) u li saret ghad-dannu ta’ Carmelo Mamo u Carmelo Abela, u/jew ta’ persuna/i u/jew xi entita’ u/jew entitajiet ohra ;

3. Rrendew rwiehom recedivi ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Lill-Dylan Cauchi, wahdu, akkuzat ukoll talli fis-17 ta’ Mejju 2011, ghall-habta tas-1a.m. u/jew fil-jiem ta’ qabel, fi Triq id-Duluri, Hamrun, u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer:

4. Saq vettura Mitsubishi Pajero, numru tar-registrazzjoni LAF261, meta ma kienx licenzjat sabiex isuq vettura bil-mutur taht kategorija B, u meta ma kienx kopert b’polza tas-sigurta kontra r-riskji ta’ terzi persuni;

5. Saq vettura Mitsubishi Pajero, numru tar-registrazzjoni LAF261, matul Triq id-Duluri, Hamrun kontra is-sinjal tat-traffiku li juri li ma hemmx dhul.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta’

Mejju 2011 (esebit a fol. 29 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tad-19 ta’ Mejju 2011 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar id-19 ta’ Mejju 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ikkoperaw fil-kors tal-investigazzjonijiet, kkunsidrat l-eta’ zghira tal-imputati kif ukoll ikkunsidrat l-fedina penali relattivament netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 41(1)(a) , 261, 262(1)(b), 263(a), 264(1), 265, 267, 270, 279(a), 280(2),325(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Juanito Jimenez hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala 1 u 2 migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht Ordni ta’ Probation ghall-perjodu ta’ sentejn(2) millum taht il-kundizzjonijiet ndikati fil-Probation Order hawn anness u mmarkat bhala Dok JJ1.

Stante li l-akkuza mmarkata bhala 3 giet irtirata mill-Prosekuzzjoni fil-konfronti tal-imputat Juanito Jimenez, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza fil-konfronti tieghu.

Wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 261, 262(1)(b), 263(a), 264(1), 265, 267, 270, 279(a), 286(2), 325(1)(d), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 15(1)(b) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Dylan Cauchi hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu amessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghall-perijodu ta' sentejn(2) millum taht il-kundizzjonijiet indikati fid-digriet hawn anness u mmarkat bhala Dok DC1.

Il-Qorti tikkundanna lill-imputat Dylan Cauchi multa ta' elfejn u tlett mija u disa' u ghoxrin ewro u sebgha u tletin ewro centezmi (€2329.37) li b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistghu jithallsu f'pagamenti rateali u mensili ta' erbgha u sittin ewro u sebghin ewro centezmi (€64.70) u b'dan illi jekk l-imputat Dylan Cauchi jonqos f'pagament wiehed il-bilanc dovut jigi konvertit f'gurnata prigunerija ghal kull hdax-il ewro u hamsa u sittin ewro centezmi (€11.65) dovuta.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 3 (2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiskwalifika lill-imputat Dylan Cauchi milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax(12)-il xahar millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li kopja ta din is-sentenza u tal-Ordni tal-Probation jigu notifikati lid-Direttur Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------